DOCUMENT 24
HEALTH COMM
MTG 13

**Coleiro Anna at Parlament-MT**

---

| | |
|---|---|
| **From:** | Godfrey Farrugia [ |
| **Sent:** | 27 May 2015 23:03 |
| **To:** | Dr Deborah Schembri; Etienne Grech; tony agius decelis |
| **Cc:** | Coleiro Anna at Parlament-MT; Burmingham Elaine at Parlament-MT; Grech Stephen at Parlament-MT; Deo Debattista; Charles Buhagiar; Gonzi Michael at Parlament-MT; Silvio Parnis; Marlene Pullicino; Claudette Buttigieg; Azzopardi Frederick (MP) at Parlament-MT; Spiteri Stephen at Parlament-MT; Chris Fearne |
| **Subject:** | Re: Age of Sexual Consent |

Kollegi,

Hawn sibu mehmuz konsultazzjoni bil-miktub li ghogbu jiktibli Rev Joseph Mizzi, Direttur tal-Kana mill-aspett tejologiku u morali dwar l-eta tal-Kunsens fuq talba tieghi bi preparazzjoni ghal dan is- suggett.

Napprezza jekk titqajjem bhala korrispondenza fil- laqgha li jmiss.
Hi decizjoni taghkom jekk ghandkomx tistednu lil Rev Mizzi

Grazzi
Godfrey

Din hi l-email:

Ghaziz Godfrey,

Sliem. Dawn huma xi punti li hsibt, li johorgu hafna mill-kitbiet tal-Papa Gwanni Pawlu II, intitolati **Theology of the Body** kif imfissra tajjeb mit-teologu amerikan, Christopher West.

1. Is-sess u s-sesswalita humaa xi haga posttiva u sabiha mahluqa minn Alla; Alla halaqna ragel u mara fuq xbiha tieghu;

2. Il-bniedem mhuwiex biss drive/istint/hormones li jaqsam mad-dinja *animalia* izda ghandu vokazzjoni ghola; huwa mahluq biex ikun ghotja cioe don/rigal/offerta ghall-iehor. Ghalhekk din tinvolvi hafna liberta izda wkoll hafna responsabilta; ghaldaqstant tajjeb li wiehed jezamina sewwa l-motivazzjonijet tieghu; il-bniedem m'ghandux ikun immexxi mill-istaguni izda mir-raguni.

3. Il-bniedem minn natura tieghu stess ghandu fih din is-sejha sponsali/matrimonjali, i.e. il-gibda tal-qalb, li tfisser li huwa mahluq biex jghix f'komunjoni/f'relazzjoni intima mal-iehor/ohra.

4. Post is-sess huwa fiz-zwieg, fejn hemm hekk hemm l-ghotja shiha u totali tieghek innifsek lill-iehor; Ghotja li tintegra fiha ruhek, gismek, qalbek u mohhok. L-ebda wahda minn dawn ma hi nieqsa; Hija precizament il-familja il-kuntest naturali fejn fih tkun irregolata u organizzata l-attivita sesswali.

5. Din l-ghotja shiha trid tkun frott l-imhabba, frott relazzjoni soda u b'sahhitha kif ukoll frott decizjoni matura. Din l-ghotja titlob li tkun dejjiem u mhux momentarja; li tkun totali u mhux bil-bicciet; li tkun fidila/leali u mhux infidiela; u li tkun fekonda i.e. miftuha ghal hajja. Kif qal Papa Frangisku mhux bhal fniek izda inkunu koppji responsabbli u generuzi.

6. Ghalhekk is-sesswalita m'ghandiex tkun mifruda mill-imhabba u miz-zwieg; m'ghandiex tkun imfittxija biss ghal pjacir u l-gost biss. Is-sesswalita ghandha dejjem thares lejn il-persuna bhala

persuna u tistmaha u tapprezzaha ta' persuna bil-kwalitajiet kollha taghha u mhux ta' oggett ta' uza u armi.

7. Socjeta b'sahhitha trid tiehu azzjoni billi tirregola r-relazzjonijiet tal-bnedmin halli mhux biss tiddefendi lil min jista jisfa vittma ta' dawn l-abbuzi izda wkoll billi tiddefendi lilha nfisha mit-thassir u mit-tmermir taghha stess.

8. Socjeta li tara fil-boghod tkompli wkoll teduka/tifforma lil bnedmin f'dawn il-valuri nobbli bhal interess genwin f'xulxin, self control, sagrificcju, u maturita, mhux biss fil-hin tal-iskola izda anke wara l-iskola obligatorja b'seminars u courses apposta ghaz-zghazagh biex ikomplu jikbru fl-isvilupp psiko-sesswali u psiko-socjali taghhom. Din hija hidma li tista ssir kemm mill-Kunsilli Lokali b'kollaborazzjoni mal-NGO's u l-parrocci.

Nittama li dawn il-punti ikunu t'ghajnuna fid-diskussjoni.
Grazzi hafna u sahhiet,
Narak,
Fr Joe Mizzi